MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 689/2010

**Joseph Vassallo**
**ID-419862(M)**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallsu s-somma ta' elfejn, hames mija u wiehed u tletin Ewro u tletin centezmu (€2,531.30c) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-istess attur b'rizultat tal-faults fis-sistema tal-elettriku supplita lill-appartament tieghu 11, Block C, Binja Qlejgha, Mtarfa, liema faults, kif diga konfermat minn persuni teknici da parti tal-istess Korporazzjoni konvenuta, huma unikament attribwibbli lill-Korporazzjoni konvenuta li

kwindi hija unikament responsabbli wkoll ghad-danni kollha konsegwenzjali, bl-ispejjez kollha (inkluz is-somma ta' tlettin Ewro (€30) spejjez extra-gudizzjarji inkorsi mill-attur sal-lum) u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess Korporazzjoni konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u stante Artikolu 14 ta' Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att Dwar l-Enemalta. Illi l-Korporazzjoni konvenuta m'hix responsabbli ghad-danni allegatament mgarrba mill-attur. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija ezagerata u mhux gustifikata. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ha konjizzjoni tax-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi l-attur ddikjara illi l-ewwel sinjal ta' problema fil-provvista tad-dawl fl-appartament proprjeta' tieghu, u cioe' flat numru hdax (11), fi Block C, Binja Qlejja, Mtarfa, sehh ghall-habta ta' Dicembru 2009, u dan meta mar t-televsion. Jghid illi in segwitu ghal dan, il-problema ppersistiet, tant illi garrab hsara f'erba' (4) televisions li kellu fl-appartament in kwistjoni, inqatghu xi bozoz, kif ukoll irrizultat hsara fil-washing machine, Griglioso, microwave u laptop computer. Jghid illi tali problemi f'dawn l-appliances inqalghu fuq medda ta' zmien, u eventwalment ilmenta dwar dawn il-problemi mal-Korporazzjoni konvenuta, wara li habib tieghu, certu Andrew Abdilla, ghamel xi testijiet fuq is-sistema tad-dawl fil-proprjeta' tal-attur. Illi kemm l-attur u dan il-habib tieghu nnotaw illi l-provvista tad-dawl kienet qed tigi affettwata – b'tali mod illi l-voltagg ibatti u jerga' jghola – meta jintuza l-lift li jinsab fil-komun ta' dan il-block.

Illi l-mara tal-attur ikkonfermat illi ghall-habta ta’ Novembru jew Dicembru tas-sena 2009 bdiet tirrizulta l-hsara fl-appliances li kellhom fl-appartament, u dan konsegwenza ta’ tibdil fil-voltagg fil-provvista tad-dawl, tant illi f’xi okkazjonijiet, anke inqata’ d-dawl fl-appartament taghhom, filwaqt illi l-girien kellhom provvista ta’ dawl. L-attur u martu ddikjaraw illi minn meta l-provvista tad-dawl giet trasferita minn fuq cable ghal fuq iehor, il-problemi fil-provvista tad-dawl waqfu.

Illi x-xhud David Zerafa, impjegat mas-socjeta’ konvenuta bhala Principal Technical Officer, iddikjara li wara li ghamel xi stharrig, sab *loose connection* ta’ fuse fil-*feeder pillar* li jwassal il-provvista tad-dawl fil-block in kwistjoni. Illi oltre dan, hu kkonferma illi nnota li kien sar xi qlib tal-provvista tad-dawl minn fuq phase ghal fuq phase iehor. Illi effettivament dan it-tibdil kien sar minn ufficjal iehor li huwa impjegat mal-Korporazzjoni konvenuta, u cioe’ minn George Cassar. Illi tali qlib sar lejn l-ahhar ta’ Marzu 2010. Dan gie dikjarat ukoll mill-Inginer Patrick Borg Cardona, li ddikjara li l-ilmenti mill-attur saru f’Marzu 2010, u li sat-2 ta’ April 2010, il-problemi kienu gew rizolti billi ttiehdet l-azzjoni mehtiega, u hawn fuq imsemmija, minn persuni teknici impjegati mal-Korporazzjoni konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta sodisfacentement illi kien hemm problema fil-provvista tal-eletrriku ghal gewwa l-appartament tal-attur, u li tali problema eventwalment giet rizolta meta ttiehdet azzjoni teknika minn persuni impjegati mal-Korporazzjoni konvenuta. Illi tali azzjoni ttiehdet b’segwitu ta’ ilmenti li rceviet il-Korporazzjoni konvenuta minghand l-attur fix-xahar ta’ Marzu 2010.

Illi l-attur iddikjara illi hu dam sa Marzu 2010 sabiex ressaq l-ilment tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta ghaliex ghalkemm kien jitbaxxa d-dawl, il-hsara fl-appliances ma gratx f’okkazjoni wahda, izda fuq medda ta’ zmien.

Illi da parti taghha, il-Korporazzjoni konvenuta qed tikkontesta d-danni reklamati mill-attur, rizultanti mir-ricevuti li jinsabu a fol. 18 sa 25 tal-atti, stante illi uhud minn dawn il-fatturi jipprecedu b'diversi xhur iz-zmien meta l-attur ressaq l-ilment tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta.

Illi f'dan ir-rigward huwa minnu illi r-ricevuta li tinsab ezebita a fol. 18 tal-atti hija datata 12 ta' Ottubru 2009, u ghalhekk, u skond id-deposizzjoni li nghatat mill-attur u minn martu, tipprecedi b'aktar minn xahar iz-zmien meta nnotaw illi beda jitbaxxa d-dawl gewwa l-appartament taghhom. Illi mill-kumplament, u f'dak li jirrigwarda t-tiswija li saret lill-Griglioso, il-microwave, il-computer u l-washing machine, dawn huma lkoll datatati bejn Dicembru 2009 sa Marzu 2010, u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi huma relatati mal-problema li rrizultat fil-provvista tal-elettriku ghal gewwa l-fond tal-attur, u ghalhekk it-talba tal-attur ghal rizarciment ta' dawn l-ispejjez hija gustifikata. Illi kumplessivament, dawn jammontaw ghal elf mija tlieta u sittin Ewro (€1,163.00).

Illi dwar ir-ricevuti relattivi ghat-televisions (a fol. 18, 23 u 24), it-Tribunal ma hux sodisfatt illi dawn irrizultat hsara fihom konsegwenza tal-problema li kien hemm fil-provvista tal-elettriku gewwa l-appartament tal-attur, u ghalhekk it-talba tal-attur ghal rizarciment tal-prezz ta' dawn l-appliances mhux qed tigi akkolta, u dan tenut kont ukoll illi mill-atti ma jirrizultax sodisfacentement illi l-hsara li setghet saret lil dawn l-appliances kienet tali li ma tistax tissewwa .

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u ppruvata *in parte*, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-istess Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elf mija tlieta u sittin Ewro (€1,163.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------